2025/1960

2.10.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1960

tal-25 ta' Settembru 2025

dwar id-disinn u l-kontenut tal-avviż armonizzat dwar il-garanzija legali tal-konformità u tat-tikketta armonizzata għall-garanzija kummerċjali tad-durabbiltà

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22a(2) u (4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/83/UE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2024/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għandha l-għan, fost affarijiet oħra, li tagħmel lill-konsumaturi aktar konxji mid-drittijiet tagħhom sabiex jagħmlu deċiżjonijiet ta' xiri aktar sostenibbli, u li tistimula kemm id-domanda għal oġġetti aktar durabbli kif ukoll il-provvista tagħhom. Għal dan l-għan, id-Direttiva 2011/83/UE tistabbilixxi avviż armonizzat tal-garanzija legali dwar il-konformità u tikketta armonizzata għall-garanzija kummerċjali tad-durabbiltà, li jippermettu lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati.

(2) Filwaqt li l-garanzija legali tal-konformità u l-garanzija kummerċjali tad-durabbiltà huma żewġ tipi indipendenti ta' garanziji, l-avviż armonizzat u t-tikketta armonizzata huma mfassla biex jikkomplementaw lil xulxin u jinkludu kontroreferenzi li jenfasizzaw id-differenzi bejn iż-żewġ tipi ta' garanziji. L-avviż armonizzat huwa avviż obbligatorju fil-punt tal-bejgħ, maħsub biex iżid l-għarfien tal-konsumaturi dwar id-drittijiet ta' garanzija legali tagħhom. B'kuntrast ma' dan, it-tikketta armonizzata tirrappreżenta garanzija kummerċjali volontarja ta' durabbiltà, offruta mill-produtturi li jixtiequ jiżguraw lill-konsumaturi dwar id-durabbiltà tal-oġġetti tagħhom.

(3) L-Artikolu 5(1), il-punt (e), u l-Artikolu 6(1), il-punt (l), tad-Direttiva 2011/83/UE jirrikjedu li l-kummerċjanti jipprovdu lill-konsumaturi, qabel ma jkunu marbuta b'kuntratt jew bi kwalunkwe offerta li tikkorispondi, tfakkira tal-eżistenza tal-garanzija legali ta' konformità għall-oġġetti. Dik it-tfakkira jrid ikun fiha l-elementi ewlenin tal-garanzija, inkluż it-tul minimu tagħha ta' sentejn u referenza ġenerali għall-possibbiltà li t-tul tal-garanzija legali ta' konformità jista' jkun itwal skont id-dritt nazzjonali. Dik l-informazzjoni trid tkun disponibbli għall-konsumatur b'mod prominenti, bl-użu tal-avviż armonizzat imsemmi fl-Artikolu 22a(1) u (3) tad-Direttiva 2011/83/UE.

(4) Sabiex il-konsumaturi jiġu megħjuna jifhmu aħjar id-drittijiet tagħhom rigward l-elementi ewlenin tal-garanzija legali tal-konformità, jenħtieġ li l-avviż armonizzat jfakkarhom dwar sitwazzjonijiet komuni fejn ikunu jistgħu jinvokaw dawk id-drittijiet.

([1]) ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/83/oj.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2024/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2024 li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejba kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar (ĠU L, 2024/825, 6.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/825/oj).

(5) L-avviż armonizzat dwar il-garanzija legali tal-konformità jenħtieġ li jfakkar lill-konsumaturi dwar ir-rimedji disponibbli għalihom fil-każ ta' nuqqas ta' konformità tal-oġġetti, u jenħtieġ li jispjega li l-bejjiegħa huma responsabbliu sabiex jipprovdu tali rimedji taħt ċerti kundizzjonijiet. Jenħtieġ li l-avviż jinkludi wkoll referenza ġenerali għall-possibbiltà li t-tul tal-garanzija legali ta' konformità jista' jkun itwal skont il-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, l-avviż jenħtieġ li jkun fih informazzjoni prattika dwar il-passi li l-konsumaturi jistgħu jieħdu f'sitwazzjonijiet fejn ikunu rċevew oġġetti li mhumiex konformi u jenħtieġ li jindika fejn jistgħu jsibu informazzjoni addizzjonali.

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jifhmu bis-sħiħ id-differenza bejn il-garanzija legali tal-konformità u l-garanziji kummerċjali, jenħtieġ li l-avviż armonizzat dwar il-garanzija legali tal-konformità jindika wkoll li l-bejjiegħa u l-produtturi jistgħu joffru wkoll garanziji kummerċjali, inkluża garanzija kummerċjali ta' durabbiltà.

(7) Indikatur tajjeb tad-durabbiltà ta' oġġett huwa l-garanzija kummerċjali ta' durabbiltà pprovduta minn produttur skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Dik il-garanzija kummerċjali ta' durabbiltà hija impenn mill-produttur lill-konsumatur li l-oġġett se jżomm il-funzjonijiet u l-prestazzjoni meħtieġa tiegħu permezz tal-użu normali matul ċertu perjodu.

(8) Meta produttur joffri garanzija kummerċjali ta' durabbiltà mingħajr ħlas addizzjonali għal oġġett partikolari, li tkopri l-oġġett kollu u b'durata ta' aktar minn sentejn, u jagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-kummerċjant, l-Artikolu 5(1), il-punt (ea), u l-Artikolu 6(1), il-punt (la), tad-Direttiva 2011/83/UE jirrikjedu li l-kummerċjant li jbiegħ l-oġġett jinforma lill-konsumaturi dwar l-eżistenza u t-tul ta' dik il-garanzija kummerċjali, filwaqt li jfakkar lill-konsumaturi li jibbenefikaw ukoll mill-garanzija legali tal-konformità. Dan għandu jsir b'mod prominenti, bl-użu tat-tikketta armonizzata msemmija fl-Artikolu 22a(1) tad-Direttiva 2011/83/UE.

(9) L-Artikolu 22a(5) tad-Direttiva 2011/83/UE jirrikjedi li kemm l-avviż armonizzat dwar il-garanzija legali tal-konformità kif ukoll it-tikketta armonizzata għall-garanzija kummerċjali tad-durabbiltà jkunu faċilment rikonoxxibbli u komprensibbli għall-konsumaturi, filwaqt li jkunu faċli biex jintużaw u jiġu riprodotti għall-kummerċjanti. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni kkonsultat gruppi rappreżentattivi ta' partijiet ikkonċernati u wettqet test fuq il-post ma' gruppi rappreżentattivi ta' konsumaturi, li pprovdew kontribut għad-disinn finali u l-kontenut tal-avviż armonizzat u t-tikketta armonizzata.

(10) L-avviż armonizzat dwar il-garanzija legali tal-konformità u t-tikketta armonizzata għall-garanzija kummerċjali tad-durabbiltà jenħtieġ li jinkludi kodiċi QR li jidderieġi lill-konsumaturi lejn informazzjoni utli addizzjonali fuq il-portal Your Europe, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(11) Jenħtieġ li l-kodiċi QR dwar l-avviż armonizzat jidderieġi lill-konsumaturi lejn informazzjoni aktar dettaljata dwar id-drittijiet tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni previsti mill-garanzija legali tal-konformità, kif stabbilit mid-Direttiva (UE) 2019/771. Peress li huwa importanti li l-konsumaturi jkunu konxji mid-drittijiet speċifiċi fil-pajjiż tagħhom skont il-garanzija legali tal-konformità, jenħtieġ li l-kodiċi QR jipprovdi aċċess għall-portali tal-Istati Membri fejn tkun disponibbli informazzjoni aktar dettaljata.

(12) Minħabba l-ispazju limitat disponibbli fuq it-tikketta armonizzata għall-garanzija kummerċjali tad-durabbiltà, jenħtieġ li l-kodiċi QR fuq it-tikketta jidderieġi lill-konsumaturi lejn informazzjoni aktar dettaljata. Dan jenħtieġ li jispjega li t-tikketta armonizzata tirrappreżenta garanzija kummerċjali ta' durabbiltà offruta mill-produttur għal oġġett partikolari, mingħajr ebda ħlas addizzjonali għall-konsumatur, u tkopri l-oġġett kollu, mhux biss komponent tiegħu, għal tul ta' aktar minn sentejn.

([3]) Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jirrigwardaw il-kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/771/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1724/oj).

(13) Sabiex jiġi żgurat li l-kummerċjanti jkunu jistgħu jużaw u jirriproduċu faċilment l-avviż armonizzat u t-tikketta armonizzata, dawn jistgħu jkunu bil-kulur jew bl-iswed u l-abjad meta jiġu ppreżentati bħala informazzjoni prekuntrattwali fil-kuntest ta' kuntratti, għajr kuntratti mill-bogħod konklużi permezz ta' interfaċċa online.

(14) Sadanittant, meta l-kuntratt ikun se jiġi konkluż permezz ta' interfaċċa online, kemm l-avviż kif ukoll it-tikketta jenħtieġ li jkunu bil-kulur. Għal kuntratti mill-bogħod konklużi permezz ta' interfaċċa online, it-tikketta tista' tintwera bl-użu ta' format ta' bejta.

(15) It-tikketta armonizzata għandha disinn newtrali għal-lingwa, flimkien ma' traduzzjonijiet, li jippermettilha li tintuża u tiġi riprodotta faċilment min-negozjanti u l-produtturi madwar l-Unjoni. It-tikketta tikkonsisti fit-titolu "GARAN", li jirreferi għal "garanzija" f'diversi lingwi tal-Unjoni; simbolu ta' kaxxa mmarkata li tindika li d-durabbiltà tal-oġġett hija garantita; simbolu tal-kalendarju li jirrappreżenta t-tul ta' żmien tal-garanzija kummerċjali tad-durabbiltà offruta; tfakkira viżiva tal-eżistenza tal-garanzija legali ta' konformità; u kodiċi QR li jipprovdi aċċess għal informazzjoni addizzjonali. Sabiex jiġi ffaċilitat il-fehim tal-konsumaturi, jenħtieġ li tinkludi l-frażi "garanzija tal-produttur fi snin" fil-qiegħ tat-tikketta armonizzata, tradotta fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tista' tirrieżamina u taddatta t-tikketta armonizzata għall-garanzija kummerċjali tad-durabbiltà jekk ikun meħtieġ, fid-dawl tal-adozzjoni futura tat-tikketta, kif tinftiehem mill-konsumaturi u l-implimentazzjoni ta' strumenti oħra tal-Unjoni.

(16) Minħabba li l-Istati Membri huma meħtieġa japplikaw il-miżuri li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2024/825 mis-27 ta' Settembru 2026, jenħtieġ li dan ir-Regolament isir applikabbli wkoll mill-istess data.

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat, dwar id-Direttiva dwar l-Għoti tas-Setgħa lill-Konsumaturi għat-Tranżizzjoni Ekoloġika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Avviż armonizzat dwar il-garanzija legali tal-konformità

L-avviż armonizzat imsemmi fl-Artikolu 22a(1) tad-Direttiva 2011/83/UE għandu jikkonforma mad-disinn u l-kontenut stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Tikketta armonizzata għall-garanzija kummerċjali tad-durabbiltà

It-tikketta armonizzata msemmija fl-Artikolu 22a(1) tad-Direttiva 2011/83/UE għandha tikkonforma mad-disinn u l-kontenut stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-27 ta' Settembru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

AVVIŻ ARMONIZZAT DWAR IL-GARANZIJA LEGALI TAL-KONFORMITÀ

Id-disinn u l-kontenut tal-avviż armonizzat imsemmi fl-Artikolu 1 għandhom ikunu kif ġej:



Minimu ta' sentejn garanzija legali ta' protezzjoni għal oġġetti mibjugħa fl-Unjoni Ewropea.

Il-konsumaturi jistgħu jitolbu d-drittijiet tagħhom skont il-garanzija legali tal-konformità, pereżempju jekk l-oġġetti:

- ma jaqblux mad-deskrizzjoni;
- ma jaħdmux kif suppost.

Il-bejjiegħa huma responsabbli għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità li kien jeżisti meta l-oġġetti ġew ikkonsenjati, u li jibda jidher fil-perjodu tal-garanzija legali. Il-bejjiegħa f'sitwazzjoni bħal din huma meħtieġa joffru:

- **tiswija b'xejn** jew **sostituzzjoni b'xejn**;
- f'xi każijiet, **tnaqqis fil-prezz** jew **rimborż sħiħ**.

Xi pajjiżi għandhom perjodu ta' garanzija legali itwal. Għall-oġġetti użati, jista' japplika perjodu iqsar, iżda mhux inqas minn sena.

Għal aktar informazzjoni dwar drittijietek f'pajjiż speċifiku, skennja l-kodiċi QR hawn taħt jew staqsi lill-bejjiegħ.

europa.eu/youreurope/garanziji

X'għandek tagħmel
jekk tirċievi oġġetti mhux konformi:

1. Ikkuntattja lill-bejjiegħ malajr kemm jista' jkun biex jirrapporta l-problema.
2. Ipprovdi prova tax-xiri, bħal riċevuta, fattura, jew dikjarazzjoni bankarja.

GARAN

Il-bejjiegħa u l-produtturi jistgħu joffru wkoll garanziji kummerċjali, li japplikaw indipendentement mill-garanzija legali. Pereżempju, tista' tara din it-tikketta GARAN li tirrappreżenta **garanzija kummerċjali ta' durabbiltà** offruta mill-produttur mingħajr ebda kost addizzjonali u li tkopri l-oġġett kollu.



Minimu ta' sentejn garanzija legali ta' protezzjoni għal oġġetti mibjugħa fl-Unjoni Ewropea.

Il-konsumaturi jistgħu jitolbu d-drittijiet tagħhom skont il-garanzija legali tal-konformità, pereżempju jekk l-oġġetti:

- ma jaqblux mad-deskrizzjoni;
- ma jaħdmux kif suppost.

Il-bejjiegħa huma responsabbli għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità li kien jeżisti meta l-oġġetti ġew ikkonsenjati, u li jibda jidher fil-perjodu tal-garanzija legali. Il-bejjiegħa f'sitwazzjoni bħal din huma meħtieġa joffru:

- **tiswija b'xejn** jew **sostituzzjoni b'xejn**;
- f'xi każijiet, **tnaqqis fil-prezz** jew **rimborż sħiħ**.

Xi pajjiżi għandhom perjodu ta' garanzija legali itwal. Għall-oġġetti użati, jista' japplika perjodu iqsar, iżda mhux inqas minn sena.

Għal aktar informazzjoni dwar drittijietek f'pajjiż speċifiku, skennja l-kodiċi QR hawn taħt jew staqsi lill-bejjiegħ.

europa.eu/youreurope/garanziji

X'għandek tagħmel
jekk tirċievi oġġetti mhux konformi:

1. Ikkuntattja lill-bejjiegħ malajr kemm jista' jkun biex jirrapporta l-problema.
2. Ipprovdi prova tax-xiri, bħal riċevuta, fattura, jew dikjarazzjoni bankarja.

GARAN

Il-bejjiegħa u l-produtturi jistgħu joffru wkoll garanziji kummerċjali, li japplikaw indipendentement mill-garanzija legali. Pereżempju, tista' tara din it-tikketta GARAN li tirrappreżenta **garanzija kummerċjali ta' durabbiltà** offruta mill-produttur mingħajr ebda kost addizzjonali u li tkopri l-oġġett kollu.

Noti:

(1) L-ebda wieħed mill-elementi tal-avviż armonizzat ma jista' jiġi editjat.

(2) Il-kuluri ta' referenza tal-avviż huma:

a. Blu: Pantone Reflex Blue C, CMYK: C:100 % M:80 % Y:0 % K:0 %, RGB: R:0% G:51% B:153% HEX: #003399

b. Isfar: Pantone Yellow C, CMYK: C:0% M:0% Y:100% K:0%, RGB: R:255% G:237% B:0%, HEX: #FFEDOO

c. Iswed: Pantone Black 6 C, CMYK: Black, RGB: R:0% G:0% B:0%, HEX: #000000

d. Abjad: Pantone 000C, CMYK: White, RGB: R:255% G:255% B:255%, HEX: #FFFFFF

(3) Il-kodiċi QR iwassal għat-taqsima ddedikata tal-lingwa dwar il-garanzija legali tal-konformità fuq il-portal Your Europe. Il-kodiċi QR għandu jkun jista' jiġi skenjat f'kundizzjonijiet ta' tidwil normali bl-użu ta' apparat mobbli standard.

(4) Għall-kuntratti, għajr il-kuntratti mill-bogħod konklużi permezz ta' interfaċċa online, l-avviż armonizzat għandu jkun bil-kulur (CMYK) jew bl-iswed u l-abjad. Id-daqs minimu tal-avviż armonizzat huwa A4, iżda jista' jiġi stampat f'formati akbar (A3, A2, A1).

(5) Għall-kuntratti mill-bogħod konklużi permezz ta' interfaċċa online, l-avviż armonizzat dwar il-garanzija legali tal-konformità għandu jkun bil-kulur (RGB).

ANNESS II

TIKKETTA ARMONIZZATA GĦALL-GARANZIJA KUMMERĊJALI TAD-DURABBILTÀ

Id-disinn u l-kontenut tat-tikketta armonizzata msemmija fl-Artikolu 2 għandhom ikunu kif ġej:





Noti:



(1) L-elementi li ġejjin ma jistgħux jiġu editjati:

(I) it-titolu tat-tikketta;

(II) it-tfakkira viżiva tal-eżistenza tal-garanzija legali ta' konformità;

(III) il-kodiċi QR li jwassal għall-portal Your Europe li ġej https://europa.eu/youreurope/commercial-guarantee-durability/index.htm;

(IV) is-simbolu tal-kalendarju li jirrappreżenta "snin";

(V) it-traduzzjoni ta' "garanzija tal-produttur fi snin" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea.

L-elementi li ġejjin jistgħu jiġu editjati:

(VI) l-ittri "XX" għandhom jiġu sostitwiti bid-durata korrispondenti fi snin tal-garanzija kummerċjali ta' durabbiltà offruta mill-produttur;

(VII) il-kliem "Marka/Trademark" għandhom jiġu sostitwiti bl-isem tal-produttur li joffri l-garanzija kummerċjali ta' durabbiltà;

(VIII) il-kliem "Identifikatur tal-mudell" għandhom jiġu sostitwiti bl-identifikatur tal-mudell li għalih il-produttur ikun qed joffri l-garanzija kummerċjali ta' durabbiltà.

(2) Il-kuluri ta' referenza tat-tikketta huma:

(a) Blu: Pantone Reflex Blue C, CMYK: C:100%, M:80%, Y:0%, K:0%, RGB: R:0%, G:51%, B:153%, HEX: #003399;

(b) Isfar: Pantone Yellow C, CMYK: C:0%, M:0%, Y:100%, K:0%, RGB: R:255%, G:237%, B:0%, HEX: #FFEDOO;

(c) Iswed: Pantone Black 6 C, CMYK: Black, RGB: R:0%, G:0%, B:0%, HEX: #000000;

(d) Abjad: Pantone 000C, CMYK: White, RGB: R:255%, G:255%, B:255%, HEX: #FFFFFF.

(3) Għal kuntratti għajr kuntratti mill-bogħod konklużi permezz ta' interfaċċa online, id-daqs minimu tat-tikketta huwa ta' 95 x 100 mm. F'konformità ma' dan id-daqs minimu tat-tikketta, id-daqs tat-tipa għat-traduzzjonijiet huwa ta' 7 pt, id-daqs tat-tipa għall-"Marka/Trademark" u l- "Identifikatur tal-mudell" huwa ta' 9 pt u d-daqs tat-tipa għal "XX", in-numru li jirrappreżenta t-tul ta' żmien fi snin, huwa ta' 80 pt. Meta t-tikketta tintwera f'daqs akbar, it-tikketta kollha trid tintwera mingħajr distorsjoni, modifika jew separazzjoni tal-elementi komponenti tagħha.

(4) Għall-kuntratti, għajr il-kuntratti mill-bogħod konklużi permezz ta' interfaċċa online, it-tikketta armonizzata għandha tkun bil-kulur jew bl-iswed u l-abjad.

(5) Għall-kuntratti mill-bogħod konklużi permezz ta' interfaċċa online, it-tikketta armonizzata għall-garanzija kummerċjali tad-durabbiltà għandha tkun bil-kulur.

(6) It-tipa, inkluż għall-oqsma li jistgħu jiġu editjati fit-tikketta, għandha tkun Inter (Regular, Semibold, u Extrabold).

(7) Il-kodiċi QR għandu jkun jista' jiġi skenjat f'kundizzjonijiet ta' tidwil normali bl-użu ta' apparat mobbli standard.

Għall-kuntratti mill-bogħod konklużi permezz ta' interfaċċa online, it-tikketta armonizzata għall-garanzija kummerċjali tad-durabbiltà tista' tintwera bl-użu ta' displej ta' ħaġa ġo oħra (nested), bħal fil-figura ta' hawn taħt:



Noti:

(1) L-ittri "XX" għandhom jiġu sostitwiti bid-durata korrispondenti fi snin tal-garanzija kummerċjali ta' durabbiltà offruta mill-produttur.

(2) Jekk jintuża displej ta' ħaġa ġo oħra (nested), it-tikketta armonizzata għandha tidher fl-intier tagħha mal-ewwel klikk tal-maws, qlib tal-maws jew espansjoni tal-iskrin tattili.